MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Rikors Numru. 2/2003/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Anton u Mary Anne Camilleri**

Il-Bord;

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid :

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 4 ta' Dicembru 2002 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-Awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art fis-Swieqi, tal-kejl ta' madwar 52 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana u mill-Grigal ma' Triq pubblika u mil-Lbic ma' proprjeta ta' Anthony Bone u irjieh verjuri huwa ta' elfejn u tmien mitt lira lira Matlin (Lm2,800) kif jidher fir-rapport tal-Perit Joseph Mizzi A&CE tat-2 ta' April 2001, li kopja tieghu Dok A hija annessa mal-istess Avviz ta' Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tas-17 ta’ Dicembru 2002, l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li l-kumpens ghandu jkun ta’ hdax-il elf, hamees mija u hamsa u sittin lira Maltin  (Lm11,565)

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lis-socjeta’ intimata biex titrasferixxi favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija jiffissa l-kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88).”

Rat ir-risposta tal-intimati li tghid:

Illi l-kumpens gust lilhom dovut ghall-esproprijazzjoni tal-art suggett tar-rikors in meritu huwa kif minnhom mitlub fl-ittra ufficjali taghhom tas-17 ta’ Dicembru 2002 u dan kif jirrizulta anke minn kuntratti li dahal fihom il-Gvern stess dwar artijiet fl-istess ‘area’;

Salvi kull dritt spettanti lill-intimati skond il-Ligi;

Bl-ispejjes.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra:

F’ittra ufficcjali mibghuta mill-intimati lir-rikorrenti, l-istess intimati kienu infurmaw lid-Direttur tal-Art illi ma kienux disposti jaccettaw il-kumpens lilhom offert ghaliex l-kumpens minnhom pretiz huwa ta’ hdax-il elf, hames mija u hamsa u sittin lira maltij (Lm 11,565) ara fol 18 tal-process.

Illi l-perit arkiettet tal-intimati minnhom mressaq bhal xhud f'din il-kawza ghamel stima tal-art fil-valur ta' erbatax-il elf lira maltin (Lm14,000) bil-valur ta' Lm10,200 fid-data ta'dikjarazzjoni tal-President ta' Malta u dan bhala art fabrikabbli.

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC Godfrey Vella u l-Perit AIC Michael A. Refalo, assenjati biex jassitu li dan il-Bord fuq materja teknik, waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

"Qed jigi prezenzjalment stmat li l-kumpens gust, partikolarment tenut kont illi l-art in kwestjoni hija fabrikabbli skond l-Oprdinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet, huwa ta' Lm11,960 jew Euro 27,854.

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur izda fl-istess waqt, ai termini tal-*proviso* tal-artikolu 25(1) tal-Kap 88, il-Bord ma jistax jaghti kumpens ghola mill-pretensjoni ta' wahda mill-partijiet. Dan l-artikolu kien dikjarat li jmur kontra l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sede Kostituzjonali fil-kawza fl-ismijiet Kummissarju tal-Artijiet vs Maria Theresa Deguara Caruana Gatto et tas-27 ta' Novembru 2008 (rikors 4/2007) u (rikors 5/2007) fl-istess ismijiet liema sentenzi jinsabu *sub judice* quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u ghalhekk dan il-Bord qed jiddetermina din il-kawza skond il-ligi kif vigenti b'dan illi la darba l-valur ta' kumpens konkluz mill-periti membri jeccedi l-valur mitlub mill-intimati, ser jinghata l-valur mitlub mill-istess intimati;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimati jitrasferixxu bhala liberu u frank b'titolu ta' xiri assolut , bicca art fis-Swieqi, tal-kejl ta' madwar 52 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana u mill-Grigal ma'

Triq pubblika u mil-Lbic ma’ proprjeta ta’ Anthony Bone u irjieh verjuri, liema art hija wahda fabrikabbli, u dan versu l-kumpens ta’ sitta u ghoxrin elf disa mija dis u tletin euro u ghoxrin centezmu (Euro 26,939.20) ekwivalenti ghat-talba tal-intimati (Lm11,565), oltre l-imghax legali spettanti lil-intimati. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fl-1 ta’ Gunu, 2009 fis-2.30pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Alexandra Mizzi LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------